MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 1317/2000/1

**Angiolina armla ta' Anthony Zahra f'isimha proprju u bhala prokuratrici ta' l-imsiefrin Maria Assunta u John konjugi Davis, u ta' Inez u William konjugi Varlov, kif ukoll Michelina mart Godfrey Calleja, Josephine mart Dottor Nicholas Vassallo u Maria Concetta mart Valentin Nechev, u ghal kull interess li jista' jkollhom l-imsemmija Godfrey Calleja, Dottor Nicholas Vassallo u Valentin Nechev.**

**Vs**

**Donald Muscat**

Il-Qorti,

Ra l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu li l-konvenut jigi kundannat jhallas is-somma ta’ Lm460.00,0 (erba mija u sittin Lira Maltin) kera tal-fond 784 High Street, Hamrun, ghal perjodu 1 ta’ Marzu, 2000 sal-31 ta’ Awwissu, 2000.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-ittra tal-25 ta’ Mejju, 2000, u dawk tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju fil-24 ta‘ Lulju, 2000 u bl-imghaxijiet mill-1 ta’ Marzu, 2000.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenut presentata lllum stess “seduta stess” u li biha ammetta t-talbiet attrici.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa t-talbiet tal-atturi u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-istess atturi s-somma ta’ Lm460.00,0 bl-imghaxijiet legali mill-ewwel (1) ta’ Marzu 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-25 ta’ Mejju 2000 u tal-mandat kawtelatorju ta’ qbid tal-24 ta’ Lulju 2000.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------